# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ġimgħa, 21 ta' April, 2023.**

**Kawża Nru. 10**

**Rik. Nru. 195/13JRM**

**LONGBOW LIMITED ( C-3666)**

vs

**IS-SEGRETARJU PERMANENTI FIL-MINISTERU GĦAR-RIŻORSI U AFFARIJIET RURALI** u b'digriet tal-14 ta' Mejju, 2013 isem l-istess għandu jaqra Is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru ta' l-Iżvilupp Sostenibbli u Ambjent u Tibdil fil-Klima; il-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali u b' digriet tal-14 ta' Mejju, 2013 isem l-istess għandu jaqra l-Ministru ta' l-Iżvilupp Sostenibbli u Ambjent u Tibdil fil-Klima; il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud bħala rappreżentant tal-Awtorità kompetenti għall-finijiet ta' l-Att XII tal-2004 (Att Dwar l-Eko-Kontribuzzjoni), għal kull interess li jista' jkollu, u b' digriet tal-14 ta' Mejju, 2013 isem l-istess għandu jaqra id-Direttur Ġenerali (Taxxa Fuq il-Valur Miżjud); il-Ministru tal-Finanzi, Ekonomija u

Investiment, għal kull interess li jista' jkollu u b'digriet tal-14 ta' Mejju, 2013 isem l-istess għandu jaqra il-Ministru għall-Finanzi.

**Il-Qorti:**

Reġgħet rat ir-Rikors Maħluf imressaq fis-26 ta' Frar, 2013, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra s-soċjetà attriċi talbet li l-Qorti (1) ssib li d-deċizjoni meħuda mill-imħarrkin jew minn min minnhom li jirrifjutaw li jagħtuha rifużjoni tal-eko-kontribuzzjoni fuq basktijiet tal-plastika li hija importat minn barra hija *ultra vires* u għalhekk ma tiswiex, invalida u mingħajr effetti fil-liġi; (2) tordna lill-imħarrkin jew lil min minnhom iħallsuha lura l-valur tal-eko-kontribuzzjoni mħallsa minnha hekk kif dovuta lilha ladarba ħadet sehem fl-iSkema *GreenPak*; (3) issib lill-imħarrkin jew lil min minnhom flimkien u *in solidum* bejniethom responsabbli għad-danni (inkluż l-interessi) mġarrba minnha minħabba r-rifjut ta' rifużjoni tal-eko-kontribuzzjoni; (4) tillikwida, jekk meħtieġ bil-ħatra ta' perit għal dan il-għan, id-danni hekk imġarrbin minnha minħabba dak ir-rifjut; u (5) tikkundanna lill-imħarrkin jew lil min minnhom, flimkien u *in solidum* bejniethom, iħallsuha d-danni hekk likwidati. Talbet wkoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' Marzu, 2013[1] li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lis-soċjetà attriċi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħha;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-imħarrkin fis-26 ta' Marzu, 2013, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalu li (i) l-imħarrkin Segretarju Permanenti u Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) ma kinux il-kontraditturi leġittimi għal dik l-azzjoni, u kellhom jinħelsu mill-ħarsien tal-ġudizzju bi spejjeż tal-kumpannija attriċi; (ii) l-azzjoni ma setgħetx titressaq ladarba l-mertu jirrigwarda l-istess talba li l-kumpannija attriċi diġà ressqet f'azzjoni oħra bħalha u li wkoll qiegħda tinstema' minn din il-Qorti[2]; (iii) it-talbiet ukoll m'humiex ammissibbli minħabba li huma vagi u ma jsemmux id-dritt li fuqu suppost huma msejsa; (iv) il-kumpannija attriċi trid tiċċara liema huwa r-rifjut li qiegħda tirreferi għalih bħala l-kawża tal-azzjoni tagħha; (v) l-għemil li l-kumpannija attriċi qiegħda tikkontesta (jiġifieri dik li ħalliet barra l-basktijiet tal-plastika mil-liġi sussidjarja dwar ir-rifużjoni tal-eko-kontribuzzjoni) ma hijiex "egħmil amministrattiv" kif maħsub fl-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u (vi) li, f'kull każ, l-azzjoni tressqet wara ż-żmien maħsub fl-artikolu 469A(3) tal-istess Kodiċi. Fil-

[1] Paġ 53 u 54 tal-proċess
[2] Riferenza għar-Rik. Nru. 195/11JRM

mertu, laqgħu billi qalu li l-pretensjonijiet kollha tal-kumpannija attriċi kienu infondati fil-fatt u fid-dritt u din il-Qorti messha tiċħad it-talbiet attriċi kollha attriċi. B'mod partikolari, qalu li l-ħlas tal-eko-kontribuzzjoni taħt l-Ewwel Skeda tal-Att[3] kien stabbilit u dovut u l-liġi ma tipprovdix għal xi jedd awtomatiku ta' rifużjoni ta' eko-kontribuzzjoni mħallsa. Is-sehem f'xi skema approvata ma jwassalx awtomatikament għall-ħlas lura ta' xi eko-kontribuzzjoni mħallsa, u l-kumpannija attriċi naqset li tressaq talba mal-Ministeru konċernat għal tali ħlas lura, għal raġunijiet li tafhom hi biss. F'kull każ, l-attriċi naqset li tissoddisfa l-kriterji ta' ħlas lura maħsuba fil-leġislazzjoni sussidjarja li nħarġet għal dan il-għan[4]. Temmew billi saħqu li lkoll kemm huma mxew ma' dak li titlob il-liġi u li bl-ebda mod ma jaċċettaw ix-xilja tal-istess attriċi li huma mxew *ultra vires*;

Rat in-nota mressqa mis-soċjetà attriċi fit-8 ta' Mejju, 2013[5] u l-għadd ta' dokumenti mehmużin magħha;

Rat id-digriet tagħha tal-14 ta' Mejju, 2013[6], li bih ordnat lis-soċjetà attriċi tressaq nota spjegattiva wara li rat it-tielet paragrafu tar-Risposta tal-intimati u ħalliet il-kawża għat-trattazzjoni fuq l-eċċezzjonijiet preliminari;

Rat in-nota spjegattiva mressqa mis-soċjetà attriċi fit-23 ta' Mejju, 2013[7];

Rat in-nota responsiva mressqa mill-imħarrkin kollha fit-28 ta' Ġunju, 2013[8] u d-dokument anness magħha;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula mill-avukati tal-imħarrkin waqt is-smigħ tal-1 ta' Lulju, 2013[9], li biha kienu qegħdin jirtiraw it-tielet, ir-raba' u l-ħames eċċezzjonijiet preliminari tagħhom;

Rat is-Sentenza Preliminari tagħha tas-26 ta' Novembru, 2013[10], li bis-saħħa tagħha u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqgħet l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-imħarrkin u sabet li d-Direttur Ġenerali (Taxxa dwar il-Valur Miżjud) ma kienx il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi u b'hekk ħelsitu mill-ħarsien tal-ġudizzju bi spejjeż għall-kumpannija attriċi; ċaħdet l-istess eċċezzjoni preliminari safejn kienet tirrigwarda lis-Segretarju Permanenti mħarrek; u ċaħdet ukoll is-sitt eċċezzjoni preliminari billi sabet li l-azzjoni attriċi tressqet f'waqtha;

[3] Att XII tal-2004 dwar l-Eko-Kontribuzzjoni (Kap 473)
[4] A.L. 158/11 (L.S. 473.06)
[5] Paġ 66 u 159 tal-proċess
[6] Paġ 160 u 161 tal-proċess
[7] Paġ 162 sa 166 tal-proċess
[8] Paġ 168 sa 172 tal-proċess
[9] Paġ. 174 tal-proċess
[10] Paġ 186 sa 198 tal-proċess

Rat id-digriet tagħha tas-26 ta' Novembru, 2013[11] li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju sabiex tiġbor il-provi tal-partijiet fuq il-mertu, bla ħsara għall-eċċezzjonijiet preliminari li dwarhom ma kinitx għadha ngħatat sentenza jew ma kinux diġà rtirati;

Rat ix-xhieda u l-provi dokumentali mressqin mill-partijiet quddiem l-Assistent Ġudizzjarju;

Rat il-verbal tas-seduta miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju fil-5 ta' Ottubru, 2016[12] li fih l-avukati difensuri tal-partijiet iddikjaraw li kienu għalqu l-provi tagħhom u qablu li jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom tal-għeluq bil-miktub;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet imressqa mis-soċjetà attriċi fit-13 ta' Frar, 2017[13];

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-imħarrkin imressqa fl-10 ta' Mejju, 2017[14];

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza wara li semgħet t-trattazzjoni ulterjuri tal-avukat difensur tas-soċjetà attriċi;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv. Il-kumpannija attriċi (minn issa 'l quddiem imsejħa "Longbow") qiegħda tikkontesta d-deċiżjoni li ma tingħatax rifużjoni tal-flejjes li hija ħallset bħala eko-kontribuzzjoni, minkejja li hija ħadet sehem fi skema mfassal mill-Gvern għal dawk li jirkupraw (jiġbru lura) l-iskart ta' prodotti li fuqhom titħallas dik it-taxxa. Longbow tgħid li t-tħollija barra mil-leġislazzjoni sussidjarja ta' radd lura ta' eko-kontribuzzjoni mħallsa minnha fuq basktijiet tal-plastika li ġabet minn barra huwa għemil diskriminatorju, magħmul bi ksur ta' aspettattiva leġittima li hija kienet ingħatat wara li ħadet sehem fi skema mniedi mill-Ministeru u huwa wkoll għemil li sar lil hinn mis-setgħat ("*ultra vires*") mogħtija mil-liġi. Hija titlob li l-imħarrkin, jew min minnhom iħallsuha l-valur tal-eko-

[11] Paġ. 197 tal-proċess
[12] Paġ 629 tal-proċess
[13] Paġ 659 sa 678 tal-proċess
[14] Paġ 682 sa 696 tal-proċess

kontribuzzjoni mħallsa w kif lilha dovuta taħt l-iskema, kif ukoll id-danni li ġarrbet minħabba tali rifjut;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrkin laqgħu b'għadd ta' eċċezzjonijiet, fil-biċċa l-kbira minnhom ta' xejra "preliminari", li ġew deċiżi minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha tas-26 ta' Novembru, 2013. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li l-pretensjonijiet kollha tal-kumpannija attriċi kienu infondati fil-fatt u fid-dritt u din il-Qorti messha tiċħad it-talbiet attriċi kollha. B'mod partikolari, qalu li l-ħlas tal-eko-kontribuzzjoni taħt l-Ewwel Skeda tal-Att kien stabbilit u dovut u l-liġi ma tipprovdix għal xi jedd awtomatiku ta' rifużjoni ta' eko-kontribuzzjoni mħallsa. Is-sehem f'xi skema approvata ma jwassalx awtomatikament għall-ħlas lura ta' xi eko-kontribuzzjoni mħallsa, u l-kumpannija attriċi naqset li tressaq talba mal-Ministeru konċernat għal tali ħlas lura, għal raġunijiet li tafhom hi biss. F'kull każ, l-attriċi naqset li tissoddisfa l-kriterji ta' ħlas lura maħsuba fil-leġislazzjoni sussidjarja li nħarġet għal dan il-għan. Temmew billi saħqu li lkoll kemm huma mxew ma' dak li titlob il-liġi u li bl-ebda mod ma jaċċettaw ix-xilja tal-istess attriċi li huma mxew *ultra vires*;

Illi din is-sentenza qiegħda tqis u tingħata dwar il-mertu tal-każ u dwar l-eċċezzjonijiet, preliminari u fil-mertu, li ngħataw dwaru;

Illi mill-fatti rilevanti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li Longbow kienet għamlet żmien tikkummerċja billi ġġib boroż jew basktijiet tal-plastika bijo-degradabbli f'Malta[15]. Wara li daħlet fis-seħħ il-liġi dwar l-Eko-Kontribuzzjoni[16], fl-2007 Longbow issieħbet fi skema ta' riċiklar u ġbir lura ta' skart bl-isem ta' *GreenPak Waste Scheme*, li hu skema approvat taħt l-imsemmija liġi[17];

Illi Longbow tgħid li ħallset l-eko-kontribuzzjoni dwar il-boroż tal-plastika li ġabet f'Malta iżda, bis-sħubija tagħha fl-iskema fuq imsemmi, stenniet li tkun tista' tgawdi mir-rifużjoni tal-ħlasijiet magħmula dwar dik it-taxxa;

Illi Longbow, flimkien ma' intrapriżi oħrajn li wkoll kienu ssieħbu fi skema approvata għall-irkupru ta' skart, kienu għamlu żmien jisħqu mal-awtoritajiet biex iniedu l-proċess meħtieġ biex, bi qbil mal-leġislazzjoni li ddaħħlet fis-seħħ, ikunu jistgħu jinħelsu mill-ħlas tal-eko-kontribuzzjoni (jitqiesu eżenti) u, fil-każ ta' dawk (bħal Longbow) li kienu diġà ħallsuha, li jingħataw kreditu jew rifużjoni tagħha[18];

Illi f'Ġunju tal-2010, Longbow u oħrajn kienu ressqu protest ġudizzjarju kontra s-Segretarju Permanenti u l-Ministri mħarrkin, u kontra s-

[15] Ara l-affidavit ta' Benjamin Farruġia f'paġ. 69 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda ta ' Mario Schembri f'paġġ. 222 u 223 tal-proċess
[16] L-Att XII tal-2004 (Kap 473) li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Settembru, 2004
[17] Dok. "BEN 4" f'paġ. 100 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda ta' Mario Schembri f'paġ. 200 tal-proċess
[18] Dok. "BEN 5" sa Dok. "BEN 13" f'paġġ. 103 sa 122 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda ta' Joe Attard f'paġ. 234 tal-proċess

Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi, Ekonomija u Investimenti[19]. Kien tressaq ilment ukoll quddiem l-Ombudsman li, min-naħa tiegħu, ta l-fehma tiegħu fi Frar tal-2011[20]. F'Diċembru ta' dik l-istess sena, kien reġa' ta deċiżjoni oħra bi kjarifika ta' dik li ngħatat qabel, fuq talba magħmula għal dan il-għan f'Ottubru tal-2011[21];

Illi f'Ġunju tal-2012[22], Longbow bagħtet titlob liż-żewġ Ministri mħarrkin u lid-Direttur-Ġenerali mħarrek biex jagħtuha d-deċiżjoni tagħhom dwar it-talba tagħha biex tingħata r-rifużjoni tal-eko-kontribuzzjoni li kienet tħallset minnha. B'ittra mibgħuta mill-Ministeru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment fil-5 ta' Lulju, 2012[23], intbagħtet "*acknowledgement*" ta' dik l-ittra;

Illi f'Awwissu tal-2012[24], id-Direttur-Ġenerali mħarrek bagħat jgħarraf lill-avukat ta' Longbow li, fejn għandu x'jaqsam mal-ħlas tar-rifużjonijiet mitluba, hu ma kellu l-ebda sehem u li kien il-Ministru responsabbli mill-ġbir tal-iskart li kien mogħti s-setgħa li jiddeċiedi;

Illi f'Ottubru tal-2012[25], Longbow bagħtet ittra uffiċjali lill-Ministri mħarrkin u lid-Direttur-Ġenerali mħarrek biex tinterpellahom jirrifondulha l-eko-kontribuzzjoni li kienet ħallset. B'ittra uffiċjali tas-26 ta' Novembru, 2012[26], mibgħuta lil Longbow, id-Direttur-Ġenerali mħarrek tenna li huwa ma kellu l-ebda setgħa jew kompetenza jiddeċiedi dwar ir-rifużjoni mitluba;

Illi b'ittra elettronika mibgħuta mill-avukat tal-Ministru tar-Riżorsi u Affarijiet Rurali fid-29 ta' Novembru, 2012[27], lill-avukat ta' Longbow, ingħatat konferma li l-Ministru kien qatagħha li jillimita r-rifużjoni tal-eko-kontribuzzjoni għal prodotti magħżula u li ma kienx qiegħed jibdel id-deċiżjoni tiegħu li ma jagħtix ir-rifużjoni lil Longbow dwar il-boroż tal-plastika li importat f'Malta. Din il-pożizzjoni tenniha f'ittra uffiċjali tal-20 ta' Diċembru, 2012[28], mibgħuta lil Longbow;

Illi Longbow fetħet din il-kawża fis-26 ta' Frar, 2013;

Illi l-Qorti sejra issa tgħaddi biex tagħmel il-<u>konsiderazzjonijiet legali marbutin mal-każ</u> dwar il-mertu tal-azzjoni attriċi. L-ilment tal-kumpannija attriċi huwa marbut mal-ħlas ta' taxxa (eko-kontribuzzjoni) imposta mill-Gvern fuq prodotti li minn żmien għal żmien jitqiegħdu fis-suq u li wara l-użu tagħhom joħolqu skart, bħal fost oħrajn il-basktijiet tal-plastika (meqjus taħt

[19] Dok. "BEN 21" f'paġħ. 134 sa 141 tal-proċess
[20] Dok. "LL3" f'paġġ. 26 sa 34 tal-proċess
[21] Dok. "LL4" f''paġġ. 35 sa 36 tal-proċess
[22] Dokti "LL6" u "BEN27(i)" f'paġġ. 41 u 153 tal-proċess
[23] Dok "BEN28", f'paġ. 154 tal-proċess
[24] Dok "VAT1", f'paġ. 172 tal-proċess
[25] Dok "BEN29", f'paġ. 155 tal-proċess
[26] Dok "BEN30", f'paġ. 156 tal-proċess
[27] Dok "BEN31", f'paġ. 157 tal-proċess
[28] Dok "BEN32", f'paġ. 159 tal-proċess

il-liġi bħala HS Code 3923). Il-kumpannija attriċi ħallset taxxa fuq tali prodotti li daħħlet minn barra bejn Jannar 2007 u Marzu 2009[29]. Hija tisħaq li bħala msieħba ta' skema (mfassal mill-Gvern għal dawk li jirkupraw l-iskart ta' prodotti li fuqhom titħallas dik it-taxxa), hija għandha jedd għal rifużjoni tat-taxxa mħallsa. Hija tqis li dan il-jedd twiegħed lilha kemm mill-awtoritajiet governattivi kif ukoll għaliex joħroġ mil-ligi. Madankollu, Longbow tilmenta li, minkejja li ngħatat x'taħseb li kien se jingħatalha lura dak li ħallset f'eko-kontribuzzjoni u saħansitra ssieħbet fl-imsemmi skema, il-fatt li fil-liġi sussidjarja li ħarġet tħallew barra l-basktijiet tal-plastika mill-benefiċċju tal-eko-kontribuzzjoni, dan l-għemil sar bi ksur tas-setgħat mogħtijin lill-awtorità pubblika kif rappreżentata fil-kawża mill-imħarrkin;

Illi l-imħarrkin, min-naħa l-oħra, jgħidu li l-Ministru konċernat ma kellu ebda obbligu li jagħti rifużjoni. Huma jisħqu li mxew ma' dak li trid il-liġi u ma kisru ebda liġi meta naqsu li jilqgħu t-talba ta' Longbow għar-rifużjoni minnha mitluba;

Il-Qorti għaldaqstant sejra tibda biex tqis l-eċċezzjoni mressqa mill-imħarrkin, dik li l-Ministru konċernat ma kellu ebda obbligu li jagħti rifużjoni[30].

Illi, fid-dawl ta' dawn il-qagħdiet rispettivi, il-Qorti tirrileva li Longbow tqis l-irkupru tal-iskart u s-sħubija tagħha fi skema approvat[31] bħala kundizzjoni li torbot lill-Ministru biex, bis-saħħa ta' regolamenti (leġislazzjoni sussidjarja), jeżentaha mill-ħlas ta' kontribuzzjoni jew biex tingħata kreditu ta' dak li kienet diġà ħallset[32]. Longbow tistrieħ fuq il-gwida li ngħatat mill-entità li magħha kienet imsieħba (jiġifieri *GreenPak*) li r-rifużjoni tal-kontribuzzjoni kienet dovuta, kif ukoll fuq il-konsultazzjoni mnedija mill-MEPA u r-rakkomandazzjonijiet imressqa minnha marbut mal-mekkaniżmu kif kellha tingħata eżenzjoni jew rifużjoni għal-kontribuzjoni mħallsa[33]. Għal din il-pretensjoni, l-imħarrkin jilqgħu bl-eċċezzjoni fil-mertu fuq imsemmija;

Illi l-qofol ta' din l-eċċezzjoni tinsab fid-distinzjoni li l-liġi dwar l-Eko-Kontribuzzjoni (minn issa 'l hemm imsejħa "l-Att"), fit-twaqqif tagħha, tagħmel bejn l-imposizzjoni ta' ħlas ta' eko-kontribuzzjoni fuq prodott imqiegħed minn produttur fis-suq f'Malta[34], u l-eżenzjoni jew l-għoti ta' kreditu mill-Gvern lill-istess produttur għal xi eko-kontribuzzjoni li tkun tħallset minnu[35]. Filwaqt li l-ħlas ta' eko-kontribuzzjoni hu obbligatorju u għaldaqstant irid jitħallas skond rati mfissra fuq prodotti speċifikati fl-Att fil-waqt meta l-prodott jiddaħħal jew

---

[29] Ara x-xhieda mogħtija minn Benjamin Farruġia in kontro eżami f'paġġ. 489 sa 490 tal-proċess
[30] Eċċezzjoni numru 7(i) fit-Tweġiba Maħlufa
[31] Art. 12 tal-Kap. 473
[32] Ara parag. 13 u 14 tal-affidavit ta' Benjamin Farruġia f'paġ. 69 tal-proċess
[33] Dok. "BEN 2" u Dok. "BEN 3" f'paġġ. 86 sa 99 tal-proċess
[34] Art. 3 tal-Kap. 473
[35] Art. 5 tal-Kap. 473

jitqiegħed fis-suq[36], eżenzjoni jew l-għoti ta' kreditu huwa wieħed diskrezzjonali fdat f'idejn il-Ministru responsabbli mill-għoti tal-istess;

Illi taħt l-artikolu 12 tal-Att, sabiex produttur seta' jibbenifika minn eżenzjoni jew għoti ta' kreditu kellu jkun imsieħeb fi skema ta' ġbir ta' skart, iżda fil-fehma tal-Qorti dan fih innifsu ma jistax jissarraf f'jedd assolut, għaliex id-deċiżjoni aħħarija dwar jekk prodott kellux jitqies li jibbenifika minn eżenzjoni jew għoti ta' kreditu kienet tispetta lill-Ministru konċernat. Dak l-artikolu tal-Att, kif kien fis-seħħ fiż-żmien rilevanti għall-każ ta' Longbow, jagħti diskrezzjoni lill-Ministru li, bi qbil mal-Ministru responsabbli għall-finanzi u fil-qafas tas-setgħat li l-Att jagħtih biex jagħmel regolamenti, jew jeżenta lil xi produttur mill-ħlas ta' eko-kontribuzzjoni jew jipprovdi għall-krediti ta' xi kontribuzzjoni bħal dik li tkun diġà tħallset mil-produttur "ma' eko-kontribuzzjonijiet li jistgħu jkunu dovuti fil-futur";

Illi minn qari ta' dan l-artikolu, għalhekk, joħroġ ċar li l-liġi ma tgħid imkien li l-produttur li jkun ħallas xi eko-kontribuzzjoni għandu jedd jitlob rifużjoni ta' dak il-ħlas[37]: tgħid biss li, safejn ir-regolamenti hekk jipprovdu dwar xi prodott partikolari, il-produttur jew ikollu dritt ma jħallasx l-eko-kontribuzzjoni jew, jekk kemm-il darba jkun ħallasha diġà, ikollu dritt ta' krediti ma' kontribuzzjonijiet li jistgħu jkunu dovuti fil-ġejjieni. Minbarra dan, il-*proviso* tal-artikolu 12(1) jgħid ċar u tond li "*produtturi ta' basktijiet tal-plastik indikati fl-Ewwel Skeda u produtturi ta' servizzi indikati fit-Tieni Skeda ma jikkwalifikawx għall-iskop ta' dan is-subartikolu*". Irid jingħad hawnhekk li l-pretensjonijiet ta' Longbow f'din il-kawża jmorru lura għal ċirkostanzi li seħħew qabel ma sar il-bdil fl-Att kif imfisser hawn fuq, u hija tisħaq li, sakemm sar dak il-bdil (li jeskludi l-benefiċċji fir-rigward ta' basktijiet tal-plastika) il-prodotti li dwarhom hija ħallset l-eko-kontribuzzjoni kienu fil-fatt imħarsa mid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Att[38]. Il-Qorti tagħraf ukoll li d-dispożizzjonijiet tal-Avviż Legali 158 tal-2011 jgħoddu għal "eko-kontribuzzjonijiet imħallsin minn produtturi li pparteċipaw fl-irkupru ta' skart matul is-snin 2005 sa 2008"[39];

Illi mix-xhieda mressqa, il-Ministru responsabbli mill-immaniġjar tal-iskart jfisser li l-parir li ngħata minn esperti f'dan il-qasam kien kontra l-għoti ta' eżenzjoni jew rifużjoni ta' kreditu fuq boroż jew basktijiet tal-plastika, għaliex ma kienx hemm identifikazzjoni ċara meta borża tkun waħda bijodegradabbli. Din il-ħaġa nisslet kwestjoni li saħansitra qanqlet dibattitu anke f'livell ewropew[40];

---

[36] Art. 4 tal-Kap. 473
[37] Għalkemm il-L.S. 473.06 titkellem espressament dwar "kreditu jew rifużjoni ta' eko-kontribuzzjoni" is-sentenza tal-lum ma tirrigwardax talba ta' stħarriġ dwar is-siwi tal-liġi jew dwar jekk il-liġi sussidjarja saritx *ultra vires* il-liġi ewlenija
[38] Ara §11 tar-Rikors Maħluf f'paġ. 3 tal-proċess
[39] Reg 1(2) tal-L.S. 473.06
[40] Ara x-xhieda tal-Perit George Pulliċino f'paġ. 467 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda ta' Christopher Ċiantar f'paġ. 550 tal-proċess

Illi Qorti li tintalab tistħarreġ id-diskrezzjoni tal-eżekuttiv f'azzjoni bħal din ma tidħolx fil-mertu tad-deċiżjoni li jkun ħaddan Gvern, sakemm id-diskrezzjoni ministerjali ma titħaddimx b'mod lil hinn ('*ultra vires*') mis-setgħat mogħtija lil dik l-awtorità li tkun eżercitat l-għażla. Fi kliem l-awturi l-iżjed segwiti f'dan il-qasam[41], "*As a general principle it can be said that the courts do not concern themselves with the wisdom of a particular decision; they cannot examine the merits. They can, however, examine whether a public body has exceeded the powers given to it so that its decision is ultra vires or whether the procedure followed in reaching a decision was flawed by a failure to observe the principles of natural justice*";

Illi l-Qorti tifhem li ladarba eżerċizzju bħal dak jimplika diskrezzjoni, dan ifisser li t-twettiq ta' dik id-diskrezzjoni, għall-finijiet ta' stħarriġ ġudizzjarju, tippermetti li l-persuna mogħnija b'dik is-setgħa diskrezzjonali ma tkunx marbuta mal-elementi oġġettivi għall-formazzjoni tal-ħsieb tagħha, li huwa fdat għall-prudenza suġġettiva ta' dik il-persuna u li timplika tabilfors element soġġettiv[42]. Madankollu, dik id-diskrezzjoni trid titwettaq fil-parametri tal-liġi li tawtoriżżaha, b'mod raġonevoli, b'ekwità u ħaqq[43] u mingħajr abbuż ta' dik l-istess diskrezzjoni[44];

Illi kien għalhekk li, mal-medda taż-żmien, issawru regoli li jħarsu l-imsemmija setgħat diskrezzjonali u kif il-Qrati kellhom iqisu l-istħarriġ tagħhom dwarhom. Ewlenija fost dawn ir-regoli hi li awtorità li hija mogħnija b'diskrezzjoni tista' tiġi ordnata teżerċitaha f'każ li tkun naqset li tagħmel dan, imma ma tistax tiġi dettata x'għandha tiddeċiedi jew li twettaqha b'xi mod partikolari. Biex jiġi assikurat li din id-diskrezzjoni kienet imwettqa, jeħtieġ li lill-Qorti jirriżultalha li dik l-awtorità tassew qieset il-kwestjoni li kellha quddiemha, u li dan għamlitu mingħajr l-indħil tal-ebda ħaddieħor jew bla ma poġġiet lilha nnifisha f'qagħda fejn ma setgħetx jew irrifjutat li twettaq dik id-diskrezzjoni[45]. Siewi wkoll li jiġi aċċertat li l-awtorità mistħarrġa m'għamlitx dak li kienet espressament miżmuma milli tagħmel, jew jekk għamlitx xi ħaġa li ma kinitx awtoriżżata tagħmel. Fuq kollox, l-awtorità mistħarrġa trid tkun imxiet b'bona fidi u qieset il-konsiderazzjonijiet rilevanti tal-każ. Dawn huma, fil-qosor, il-ġabra tal-kategoriji fid-Dritt Amministrattiv ta' nuqqas ta' eżerċizzju ta' diskrezzjoni u ta' eċċess jew abbuż ta' dak l-eżerċizzju;

Illi d-dmir li awtorità taġixxi raġonevolment mhux l-istess bħad-dmir li taġixxi b'bona fidi[46]. Għalhekk, filwaqt li mhux kull eżerċizzju raġonevoli

[41] O.Hood Phillips & P. Jackson, "*O.Hood Phillips' Constitutional and Administrative Law*", Sweet and Maxwell (1987, Seventh Edition), pg. 661
[42] App. Ċiv. **30.11.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammut noe et vs Kontrollur tad-Dwana*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.376**)
[43] App. Ċiv. **21.4.1961** fil-kawża fl-ismijiet ***Masini noe vs Podestà noe*** (Kollez. Vol: **XLV.i.110**)
[44] App. Inf. **26.2.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Peter J. Azzopardi et noe vs Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji***
[45] Ara App. Ċiv. **20.5.1982** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech Adami et vs Cremona pro et noe*** (mhix pubblikata)
[46] Ara, per eżempju, *R vs Roberts, ex p. Scurr* (**1924**) 2 K.B. 695

ta' ġudizzju huwa bilfors korrett, lanqas mhuwa bilfors irraġonevoli kull eżerċizzju ta' ġudizzju żbaljat[47]. F'każ bħal dan, ix-xiber li l-Qorti jidher li għandha tuża biex tkejjel bih ikun dak li tqis jekk id-deċiżjoni li minnha jkun hemm ilment kinitx mistennija li tittieħed minn persuni raġonevoli;

Illi l-kittieba awtorevoli f'dan il-qasam jgħallmu li r-rwol ewlieni tal-Qrati fid-dritt amministrattiv huwa dak li jiżguraw li ma tonqosx il-legalità fl-għemil mistħarreġ, iżjed minn dak li jaraw li l-awtorità pubblika mistħarrġa tkun iddeċidiet sewwa. Hekk ukoll tfissret il-qagħda f'bosta deċiżjonijiet tal-qrati[48];

Illi huwa stabbilit li biex jitqies jekk awtorità wettqitx b'mod raġonevoli d-diskrezzjoni mogħtija lilha bis-saħħa ta' xi liġi, irid jintwera li dik l-awtorità mxiet ma' dak li kellha jew messha tagħmel u mhux biss ma' dak li setgħet tagħmel[49]. Dan ifisser li l-kejl tar-raġonevolezza jkun wieħed oġġettiv marbut maċ-ċirkostanzi fattwali li fihom dik l-istess diskrezzjoni titwettaq[50]. B'żieda ma' dan, biex imġiba titqies abbużiva, min jallegaha jrid juri li kien hemm element ta' intenzjoni biex wieħed jagħmel il-ħsara, liema fehma wieħed jista' jasal biex juriha b'xi prova ta' mġiba esterna li tagħmel parti mill-eżerċizzju diskrezzjonali li jkun. Minbarra dan, l-eżerċizzju diskrezzjonali jrid ikun kemm "*rite*" u kif ukoll "*recte*", jiġifieri jrid jitwettaq skond il-proċedura stabilita u kif ukoll imħaddem b'ħaqq[51]. Dan kollu jitlob ukoll li d-diskrezzjoni titwettaq b'mod raġonevoli;

Illi minkejja dan, meta l-Qorti tintalab biex tistħarreg għemil amministrattiv trid tara li dak l-għemil ikun twettaq sewwa. B'dan wieħed jifhem li (a) l-għemil ikun sar taħt jew bis-saħħa ta' ligi, (b) minn persuna jew awtorità li tkun ingħatatilha dik is-setgħa bil-liġi, u (ċ) li hi u twettaq tali setgħa dik il-persuna jew dik l-awtorità tkun inqdiet biha b'mod li ma tużahiex ħażin jew għal għanijiet mhux xierqa. Fejn it-twettiq ta' xi setgħa jġib miegħu l-użu ta' diskrezzjoni, il-liġi trid ukoll li dik id-diskrezzjoni tissejjes fuq kunsiderazzjonijiet rilevanti b'ħarsien tar-regoli ta' ġustizzja naturali[52];

Illi jibqa' wkoll il-fatt li meta Qorti tintalab tistħarreg għemil amministrativ, hija tista' u għandha tgħarbel kif dik l-awtorità pubblika tkun eżercitat id-diskrezzjoni tagħha u ta' xiex tkun ħadet qies f'dak l-eżerċizzju[53], iżda l-Qorti ma għandha qatt tissostitwixxi b'tagħha d-diskrezzjoni li hija bil-liġi

[47] Ara, per eżempju, *R. vs W* (**1971**) A.C. 682
[48] Ara l-bosta riferenzi msemmija minn din il-Qorti (JZM) fis-sentenza tad-**9.6.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Mario Debono et vs Tabib Prinċipali tal-Gvern et***
[49] H.W.R. Wade & C.F. Forsyth, Administrative Law (10th. Edit), pġ. 295
[50] App. Ċiv. **27.3.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Dingli et vs Kontrollur tad-Dwana et***
[51] App. Inf. PS **26.2.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Peter J. Azzopardi et noe vs Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji***
[52] Din il-Qorti kif presjeduta, **26.3.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Henry Calleja vs Kummissarju tal-Artijiet*** (mhux appellata)
[53] P.A. GV **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Attard vs Enemalta Corporation***

mħollija f'idejn dik l-awtorità[54]. Għalhekk, sakemm dan l-eżerċizzju ġudizzjarju jibqa' wieħed "ta' kassazzjoni", il-Qorti ma tindaħalx dwar jekk id-deċiżjoni jew l-għemil imwettaq ikunx wieħed sostantivament korrett, sakemm ikun formalment raġonevoli u jaqa' fil-limiti tas-setgħat mogħtija lil dik l-awtorità li tkun wettqet l-istess għemil;

Illi minn dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li l-imħarrkin, meta naqsu li jagħtu rifużjoni tal-kontribuzzjoni mħallsa minn Longbow jew jaċċettaw li jikkreditawlha dak il-ħlas għal xi kontribuzzjonijiet li kellha tagħmel 'il quddiem fuq il-boroż tal-plastika, ma mxewx kontra s-setgħat mogħtija lilhom mil-liġi. Din il-konklużjoni l-Qorti tasal għaliha wkoll minkejja li mix-xhieda jirriżulta li kien hemm produttur/i li setgħu ġew eżentati (mhux ingħataw rifużjoni) sa mill-bidunett milli jħallsu kontribuzzjoni taħt l-HS Code 3923 meta ma kienx mistħoqq[55], iżda dan jidher li sar mhux fuq bażi diskriminatorja biex jiġi mgħejjun produttur bi ħsara għal ħaddieħor, iżda għaliex il-Bord responsabbli minn tali eżenzjonijiet kien għadu fil-bidu tiegħu u ma kienx għad għandu direzzjonijiet ċari dwar it-tħaddim tal-proċess. Għalkemm, f'għajnejn il-Qorti, tali nuqqas m'għandux ikun, lanqas għandu jwassal biex wieħed jikkapitalizza minnu w joħloq pretensjoni għal rifużjoni meta mhux mistħoqqa. Il-Qorti ma jidhrilhiex li huwa sewwa li nuqqas amministrattiv imsejjes fuq żball jissarraf f'jedd li jitwettaq żball ieħor taħt l-iskuża li kulħadd imissu jkun trattat l-istess;

Illi Longbow tisħaq ħafna fuq il-jedd tagħha li tingħata eżenzjoni jew krediti għat-taxxa minnha mħallsa fuq is-saħħa tad-deċiżjonijiet mogħtijin mill-Ombudsman f'Jannar u Frar tal-2011[56]. B'żieda ma' dan, issemmi wkoll it-tifsira li l-Ombudsman ta f'Diċembru tal-2011[57] dwar id-deċiżjonijiet tiegħu ta' qabel fejn jirrigwarda liema kienu l-prodotti li dwarhom kellha ssir eżenzjoni jew ħlas ta' krediti ta' eko-taxxa mħallsa. Hija tgħid li dik il-fehma ma tagħmel l-ebda distinzjoni bejn prodott u ieħor li fuqu tħallset l-eko-kontribuzzjoni u fejn il-produttur ikun ħa sehem fi skema maħluqa għall-ġbir tal-iskart;

Illi l-imħarrkin ma jsemmu xejn dwar dan fis-sottomissjonijiet tagħhom;

Illi din il-Qorti qieset b'reqqa l-imsemmija fehmiet tal-Ombudsman għaliex ingħataw fi żmien rilevanti ħafna għall-każ ta' Longbow u ta' din il-kawża b'mod partikolari. Il-Qorti tifhem ukoll li d-deċiżjonijiet ta' Ombudsman ma jikkostitwux ġudikati, imma jirrappreżentaw fehmiet studjati marbuta mal-ilmenti mressqin quddiemu f'każijiet speċifiċi u rakkomandazzjonijiet lill-

[54] P.A. PS **28.1.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Psaila vs Kummissarju tal-Pulizija***
[55] Ara x-xhieda ta' Victor Debrincat f'paġġ. 618 u 620 tal-proċess
[56] Dok "LL3", f'paġġ. 26 sa 34 tal-proċess
[57] Dok "LL4", f'paġġ. 35 – 6 tal-proċess

eżekuttiv jew l-awtorità pubblika li tkun biex timxi magħhom. Id-deċiżjonijiet tal-Ombudsman lanqas jorbtu lill-imsemmija awtorità jew lill-eżekuttiv li jimplimentaw il-fehmiet tiegħu. Meta ngħataw id-deċiżjonijiet tal-Ombudsman fil-kwistjoni ta' dawk li ħallsu l-eko-kontribuzzjoni, il-leġislazzjoni sussidjarja li dwarha tilminta Longbow f'din il-kawża ma kinitx għadha ddaħħlet (fil-fatt, l-Avviż Legali 158 tal-2011 daħal fis-seħħ f'April tal-2011. Minbarra dan, meta ngħataw l-imsemmija deċiżjonijiet, l-Att kien diġà nbidel b'mod li jaqta' 'l barra minn kull eżenzjoni jew kreditu xi eko-kontribuzzjoni mħallsa dwar basktijiet jew boroż tal-plastika (billi dawk il-bidliet kienu ilhom li ddaħħlu sa mill-2009). Dawk id-deċiżjonijiet ma jagħtu l-ebda fehma dwar l-effetti retrospettivi tal-bidliet fl-Att għall-pretensjonijiet ta' produtturi bħal Longbow. Għall-kuntrarju, meta l-Ombudsman wieġeb f'Diċembru tal-2011 għall-kjarifika mitluba mill-Inġinier Mario Schembri għal Green Dot Malta Limited, l-Ombudsman reġa' semma l-leġislazzjoni sussidjarja maħruġa fl-2008[58] u ma semma xejn dwar il-leġislazzjoni sussidjarja li nħarġet f'April. U kompla jwieġeb hekk għall-ewwel mistoqsija lilu magħmula: ".. *issuing exemptions on* <u>*some*</u> *products does not renege in any way from the Government's undertaking at law, under the parent Act, to exempt from eco-contributions all products on which the contributions is otherwise due as from the date established by law and which is being recovered through an approved scheme. The Government cannot act in breach of an express provision of a law nor indeed can the Ombudsman recommend such a course of action*";

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet u filwaqt li tagħraf iċ-ċirkostanzi li fihom l-Ombudsman intalab jagħti r-rakkomandazzjonijiet tiegħu, din il-Qorti tasal għall-fehma li l-fatt li l-Ministru mħarrek deherlu li kellu jillimita l-effetti tal-eżenzjoni jew tal-ħlas ta' krediti ta' eko-kontribuzzjoni mħallsa ma jistax lanqas jitqies bħala għemil li jmur kontra l-Att jew li huwa rraġonevoli jew abbużiv fil-konfront ta' Longbow;

Illi Longbow ma seħħilhiex tipprova mod ieħor li l-imħarrkin imxew magħha bi ksur tas-setgħat mogħtija lilhom mil-liġi u lanqas li l-ħruġ tal-liġi sussidjarja. Għaldaqstant, safejn l-ewwel talba tissejjes fuq dan l-aspett tal-"*ultra vires*", il-Qorti ssib li mhix mistħoqqa;

Illi Longbow sejset l-azzjoni tagħha wkoll fuq l-aspettattiva leġittima li tgħid li ngħatat meta ħadet sehem fl-iskema mniedi mill-Gvern biex tkun f'qagħda li tikseb l-eżenzjoni jew il-krediti tal-eko-kontribuzzjoni mħallsa fuq il-basktijiet/boroż tal-plastika[59]. Hija tgħid li ngħatat x'tifhem li s-sehem tagħha f'dak l-iskema kien mhux biss webbilha biex tidħol għalih, imma kien ir-raġuni li ngħatat x'taħseb li b'dak il-mod biss setgħet. Ma jidhirx li Longbow

[58] Ir-Regolamenti dwar il-Faċilità Approvata għall-Irkupru tal-Iskart fil-Ħlas tal-Eko-Kontribuzzjoni (A.L. 74 tal-2008)(L.S. 473.04)
[59] Ara §§ 3 u 12 tar-Rikors Maħluf

ressqet xi sottomissjonijiet speċifiċi dwar din il-kawżali u lanqas l-imħarrkin ma wieġbu għal tali pretensjoni;

Illi l-Qorti se tqis din il-ħaġa biex tkun tassew fliet fl-usa' mod possibbli s-sisien tal-azzjoni attriċi. Tajjeb jingħad li meta titqajjem il-kwestjoni ta' aspettattiva leġittima f'azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju din għandha titqies fil-qafas tal-eżerċizzju li qorti tintalab tagħmel dwar l-għemil amministrattiv attakkat. Kemm hu hekk, il-qrati tagħna qiesu li aspettattiva leġittima toħroġ minn sitwazzjoni legali, jiġifieri kemm-il darba jkun ippruvat li l-ħaġa li ġiet imċaħħda minnha l-parti kellha jedd għaliha[60]. Fil-qasam tad-Dritt Amministrattiv, dan il-kunċett jidħol fil-qalba tal-ħarsien tal-prinċipji ta' ħaqq naturali, u għaldaqstant jintrabat mal-proċess amministrattiv li jsir (jew jonqos li jsir) sa ma tittieħed deċiżjoni amministrattiva. Jidħol ukoll f'dik li bnadi oħra tissejjaħ "iċ-ċertezza tad-dritt" meta wieħed jiġi biex ikejjel ix-xiber li bih xi deċiżjoni tkun ittieħdet f'kull każ li jixbhu. Mela, fil-qies magħmul minn qorti fi stħarriġ ta' deċiżjoni bħal dik, il-kwestjoni tal-aspettattiva leġittima taf ikollha siwi ewlieni;

Illi f'dan ir-rigward inkiteb li "*Where some boon or benefit has been promised by an official (or has been regularly granted by the official in similar circumstances), that boon or benefit may be legitimately expected by those who have placed their trust in the promises of the official. It would be unfair to dash those expectations without at least granting the persons affected an opportunity to show the official why his discretion should be exercised in a way that fulfils his expectation. Hence there has developed a doctrine of the protection of legitimate expectations primarily in the context of natural justice. .. .. The doctrine is a welcome addition to the armoury of the courts in ensuring that discretions are exercised fairly. .. .. The phrase 'legitimate expectations' .. must not be allowed to collapse into an inchoate justification for judicial intervention*"[61];

Illi ngħad ukoll li "*a further and more satisfactory reason for the protection of legitimate expectations lies in the trust that has been reposed by the citizen in what he has been told or led to believe by the official. Good government depends upon trust between the governed and the governor. Unless that trust is sustained and protected, officials will not be believed and government becomes a choice between chaos and coercion*"[62]. Dan il-kliem meqjus u għaqli jitfa' fil-qafas xieraq il-pretensjonijiet ta' Longbow f'dan il-każ, aktar u aktar meta wieħed iqis li hija ressqet il-kawża tagħha fuq il-binarji tal-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju tal-għemil amministrattiv;

---

[60] Ara per eżempju P.A. (Kost) **28.11.2016**, fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Żerafa et vs Emanuel Ċilia et***; App. **27.5.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Michael Debono Ltd et vs MEPA et***

[61] HWR Wade & CF Forsyth Administrative Law (11th Edit, 2014) pġ. 450

[62] *Ibid.* pġ. 451

Illi biex aspettattiva tkun waħda leġittima jeħtieġ li jintwera li jkollha kwalitajiet partikolari li jintitolawha tgawdi mill-ħarsien tal-Qorti. Kwalità ewlenija li jrid ikollha hi li trid tkun ċara, inekwivoka u nieqsa mill-ambigwità. Trid ukoll li tkun imsejsa fuq wegħda jew prattika ta' awtorità pubblika li tista' twettaqha hi u mhux ħaddieħor. Kull aspettattiva, biex tkun leġittima, ma tridx tkun kontra xi kliem jew dispożizzjoni ta' xi liġi fis-seħħ. Aspettattiva li titnissel minn tħaddim ta' politika ('*policy*') amministrattiva partikolari, tibqa' tiswa sakemm ma titħabbarx kif imiss politika oħra minflokha li tibdilha jew tħassarha. L-aspettattiva leġittima taf titnissel minn bosta għejjun u m'għandux jitħalla li tiċċaħħad minħabba tifsir artifiċjali ta' dawk l-għejjun. Biex aspettattiva tkun leġittima, u minħabba li tissejjes fuq il-fiduċja taċ-ċittadin fit-treġija pubblika, min-naħa tiegħu ċ-ċittadin li jippretendi favurih dik l-aspettattiva jrid iġib ruħu b'ħaqq mal-istess awtorità u ma jżomm xejn mistur minnha. Iżda aspettattiva ma tistax tkun 'leġittima' jekk it-twettiq tagħha jitlob li min jieħu d-deċiżjoni jagħmel dan bi ksur tal-liġi;

Illi fid-dawl taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jirriżulta li, matul il-medda ta' żmien meta ddaħħal fis-seħħ l-iskema li Longbow u oħrajn ħadu sehem fiha sa ma nħarġet il-liġi sussidjarja li tirregola l-eżenzjonijiet jew ħlas ta' krediti, kien hemm żviluppi li wrew ċar li r-raġuni li Longbow kienet ingħatat biex tikseb l-eżenzjoni dwar l-importazzjoni ta' basktijiet/boroż tal-plastika f'Malta kienet intlaqtet minn bidliet kbar fuq livell Ewropew dwar kif kellhom jitqiesu l-boroż tal-plastika u l-problemi tal-ġbir u r-riċiklaġġ tagħhom. Dawn il-bidliet kienu qegħdin iseħħu waqt li kien għaddej iż-żmien tat-tħaddim tal-iskema u żgur li kienu magħrufa mill-produtturi, magħduda magħhom Longbow, li kienu joperaw f'dan il-qasam. L-iskema li fiha daħlet Longbow ma kinitx marbuta biss biex tieħu ħsieb il-ġbir tal-iskart tal-boroż/basktijiet tal-llastika, imma ta' oqsma oħrajn li huma differenti minn dak ix-xogħol. Għalhekk, fil-fehma tal-Qorti, il-fatt waħdu li twaqqaf dak l-iskema ma kienx ifisser li kull min daħal fih – kien x'kien il-prodott li jmexxi fis-suq – kellu bilfors jistenna li jibbenefika mill-eżenzjoni jew mill-ħlas lura ta' krediti dwar ħlasijiet ta' eko-kontribuzzjoni. Dan joħroġ minn kliem il-liġi[63] (li tqis li l-parteċipazzjoni fi skema kien wieħed biss mill-elementi meħtieġa biex produttur seta' jkun eliġibbli għall-eżenzjoni jew ħlas ta' kreditu) nnifisha u, b'mod partikolari mill-Att;

Illi minħabba f'hekk, il-Qorti ssib li lanqas taħt din il-kawżali ma ntwera li l-ewwel talba ta' Longbow hija mistħoqqa għaliex id-deċiżjoni tal-imħarrkin li ma jilqgħux it-talba tagħha għall-ħlas ta' kreditu/rifużjoni ma tiksirx il-liġi fis-seħħ fiż-żmien rilevanti;

---

[63] Art 12 tal-Kap 473

Illi ladarba t-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ħames talbiet attriċi huma konsegwenzjali għall-ewwel waħda, jiġi li lanqas dawk it-talbiet ma huma ser jintlaqgħu;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' s-seba' eċċezzjoni tal-imħarrkin** bħala mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tiċħad** għalhekk it-talbiet attriċi bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt; u

**Tordna** lill-kumpannija attriċi tħallas l-**ispejjeż tal-kawża**, b'dan li l-ispejjeż tas-sentenza preliminari jitħallsu kif ordnat f'dik is-sentenza.

**Moqrija**

**Onor Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**21 ta' April, 2023**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Reġistratur**